MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Numru 38/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**Vs.**

**CALCEDONIO BILOCCA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Calcedonio Bilocca ta' 52 sena bin Emanuel u Salvina nee' Micallef, imwieled il-Marsa, fis-16 ta' Setembru 1956 u residenti 'Horse Garage', Triq Katerina Vitale, Santa Lucija, detentur tal-karta ta' l-identita' b'numru 604056 M.

Billi huwa akkuzat talli fl-14 ta' Ottubru 2008, ghall-habta ta' xi s-01:00 Hrs gewwa l-Marsa:-

1. Ghamel offiza gravi fuq il-persuna ta’ ohtu, u cioe, Mary Abela skond kif iccertifik Dr. Xuereb MD ta’ l-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta’ Artikoli 214, 216 (1)(b) u 222 (1)(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Hebb ghal Mary Abela sabiex jingurjha, idejjaqha jew jaaghmlilha hsara u dan bil-ksur ta’ l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. Volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied u dan bi ksur ta’ l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Mary Abela u tapplika l-provvedimenti ta’ Art. 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. MH3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat, seduta stante, skuza ruhu dwar l-akkadut mal-parte civile Mary Abela li hija ohtu presenti fl-Awla.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 214, 216(1)(a), 222(1)(a), 339(1)(d), 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Calcedonio Bilocca, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat, li fis-Seduta tallum l-imputat skuza ruhu mal-parte civile Mary Abela li hija ohtu presenti fl-Awla u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Calcedonio Bilocca ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Calcedonio Bilocca jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputat Calcedonio Bilocca b'obbligazzjoni personali ta' hames mitt Euro (Euro 500) li jzomm il-kwiet ma' Mary Abela u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Calcedonio Bilocca l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------